MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2004

Numru 17/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Antonio Barbara**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 17 tas-sena 2003, kontra l-akkuzat Antonio Barbara, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap li fil-hamsa w ghoxrin t'Awissu tas-sena elfejn (2000), ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija, saret tfittxija fl-inhawi ta' San Giljan minn membri tal-iskwadra tad-Droga tal-Pulizija fil-karozza Golf bajda numru ta' registrazzjoni TKR-111 u fuq il-persuna ta' Antonio Barbara. Minn din it-tfittxija irrizultaw borza trasparenti bi trab abjad fiha w xi pakketti ohrajn b'xi sustanza suspettuza, li wara gie accertat li kienet kokajina. Minn fuq il-persuna ta' Barbara gew elevati wkoll ammont ta' flus u cioe' sitt mija w erba w disghin Liri Maltin.

Din it-tfittxija il-Pulizija ghamluha ghaliex hin qabel huma kienu qeghdin josservaw lil certu Charles Farrugia, maghruf bhala ic-Cikli, jaghmel kuntatt u fil-kors li jakkwista kwantita' ta' droga minghand Antonio Barbara fl-inhawi ta' Spinola Road, San Giljan. Jakkumpanjaw lil Antonio Barbara dak il-hin kien hemm ukoll zewg nisa, Veronique Bartolo u Imel Abushi. Malli l-Pulizija pprocedew sabiex jaghmlu it-tfittxija, l-imsemmi Charles Farrugia harab minn fuq il-post.

Minn indagini ulterjuri li l-Pulizija rrnexxielha taghmel dwar il-kaz, u partikolarment dwar l-attivita' recenti tal-istess Antonio Barbara, rrizultalha li fil-fatt l-istess Barbara kien ilu jforni w jipprokura, jew joffri li jforni w jipprokura l-medicina perikoluza kokajina, lil terzi mill-bidu tas-sena elf disa mija seba u disghin (1997). Fost dawn it-terzi, kien hemm certu Lawrence Micallef li ta' sikwit kien jakkwista l-kokajina minghand Antonio Barbara.

Is-sustanza kokajina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u Antonio Barbara ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza. Illi l-imsemmi Antonio Barbara la kellu licenzja mill-President ta' Malta ghall-eghmil tieghu w anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tal-medicini perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre Antonio Barbara ma kienx filpussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kellux licenzja w anqas kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess Antonio Barbara ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Antonio Barbara sar hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d--droga kokajina specifikata fl-ewwel Skeda Taqsima I tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil

persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan, li r-reat kien wiehed kontinwat.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Antonio Barbara hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-ewwel Skeda Taqsima I tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan, li r-reat kien wiehed kontinwat, u cioe' b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, w gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

U peress li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Settembru, 1997, (AwIa 8), Antonio Barbara kien instab u dikjarat hati ta' d-delitt ta' pussess ta' herojina, l-Avukat Generali qieghed ukoll jaddebitah bir-recidiva.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf Lira Maltija

(Lml000) izda mhux izjed minn hamsin elf Lira Maltija (Lm50,000), liema piena pekunjarja 1-Avukat Generali qieghed jitlob li ghandha titqies li hi dejn civili, w l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, anke jekk dawk il-flejjes jew proprjeta’ tkun ghaddiet ghand terzi persuni, w anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta’ mobbli jew proprjeta’ mmobbli jkunu qeghdin f’xi post barra minn Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(e), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii)(1B)(3A), 22E, 26 u 28 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N..292/39) u fl-artikoli 17(b), 18, 49, 50, 23, 31, 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

2) u wara li fit-Tieni Kap tal-Att ta’ l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi fit-tfittxija li saret fil-karozza w fuq il-persuna ta’ Antonio Barbara gewwa San Giljan, nhar il-25 ta’ Awissu, 2000, minn analizi li saru minn esperti nominati, instabet evidenza ta’ kokajina li f’ammont ikbar indeterminat kien fil-pussess xjenti tal-istess Barbara. Di fatti, ammont mhux hazin ta’ kokajina instab f’madwar tlett pakketti, ammont, jigifieri ta’ cirka tlett grammi. Barra minn hekk, kien hemm ammont iehor li naturalment kien ga’ gie kkunsmat u abbuzat mill-istess Lawrence Micallef u Charles Farrugia u ohrajn. Antonio Barbara kien ilu jforni lil haddiehor, u jabbuza, w allura naturalment kien dejjem fil-pussess xjenti taghha, mill-kokajina ghal aktar minn tlett snin qabel.

Illi b’eghmilu, l-imsemmi Antonio Barbara sar hati talli xjentement kellu fil-pussess tieghu l-medicina perikoluza kokajina specifikata taht l-ewwel skeda, Taqsima I, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni

jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l--istess droga; b’dan, li, ghal’darb’ohra, ir-reat kien wiehed kontinwat, u b’dan ukoll, li l-pussess kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Antonio Barbara hati talli xjentement kellu fil-pussess tieghu l-medicina perikoluza kokajina specifikata taht l-ewwel skeda, Taqsima I, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall--esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b’dan, li, ghal’darb’ohra, ir-reat kien wiehed kontinwat, u b’dan ukoll, li l-pussess kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati.

U peress li b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta’ Settembru, 1997, (Awla 8), Antonio Barbara kien instab u dikjarat hati ta’ d-delitt ta’ pussess ta’ herojina, l-Avukat Generali qieghed ukoll jaddebitah bir-recidiva.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomru w multa ta’ mhux inqas minn elf Lira Maltija (Lml000) izda mhux izjed minn hamsin elf Lira Maltija (Lm50,000), liema piena pekunjarja 1-Avukat Generali qieghed jitlob li ghandha titqies li hi dejn civili, w l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur ilGvern ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli

w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, anke jekk dawk i1-flejjes u proprjeta' tkun ghaddiet ghand terzi persuni, w anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta' mobbli jew proprjeta' mmobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta, skond dak hi hemm u jintqal fl-artikoli 8(e), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii)(1B)(3A), 22E, 26 u 28 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G..N.292/39) u fl-artikoli 17(h), 18, 49, 50, 23, 31, 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

3) u wara li fit-Tielet Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi dejjem fit-tfittxija li saret fil-karozza w fuq il-persuna ta' Antonio Barbara gewwa San Giljan, nhar il-25 t'Awissu, 2000, minn analizi li saru minn esperti nominati, instabet evidenza ta' herojina f'ammont ta' cirka tlett kwarti ta' gramma, li kien fil-pussess xjenti tal-istess Barbara. Di fatti, ammont mhux hazin ta' herojina instab f'pakkett, fost ohrajn kontenenti kokajina kif inghad fiz-zewg kapi precedenti, li kien qieghed igorr Barbara. Barra minn hekk, kien hemm ammont iehor li naturalment kien ga' gie kkunsmat u abbuzat mill-istess Barbara w ohrajn. Antonio Barbara kien ilu dejjem fil-pusssess xjenti tal-herojina ghal aktar minn sena qabel, bl-intenzzjoni li, jekk tigih l-opportunita' w l-okkazjoni, jforniha lil haddiehor.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Antonio Barbara sar hati talli xjentement kellu fil-pussess tieghu l-medicina perikoluza herojina specifikata taht l-ewwel skeda, Taqsima I, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga

msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga;  b’dan, li, ghal’darb’ohra, r-reat kien wiehed kontinwat, u b’dan ukoll, li l-pussess kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Antonio Barbara hati talli xjentement kellu fil-pussess tieghu l-medicina perikoluza herojina specifikata taht l-ewwel skeda, Taqsima I, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’  Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall--esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b’dan, li, ghal darb’ohra, ir-reat kien wiehed kontinwat, u b’dan ukoll, li l-pussess kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati.

U peress li b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta’ Settembru, 1997, (Awla 8), Antonio Barbara kien instab u dikjarat hati ta’ d-delitt ta’ pussess ta’ herojina,  l-Avukat Generali qieghed ukoll jaddebitah bir-recidiva.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomru w multa ta’ mhux inqas minn elf Lira Maltija (Lm1000) izda mhux izjed minn hamsin elf Lira Maltija (Lm50,000), liema piena pekunjarja l-Avukat Generali qieghed jitlob li ghandha titqies li hi dejn civili, w l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur ilGvern ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja,  anke jekk dawk il-flejjes u proprjeta’ tkun ghaddiet ghand terzi persuni, w anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta’ mobbli jew proprjeta’ mmobbli jkunu qeghdin fil-post barra minn

Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 26 u 28 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 17(b), 18, 49, 50, 23, 31, 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat in-Nota ta' eccezzjonijiet tal-akkuzat li biha eccepixxa illi x-xhieda inserita fil-process fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi tas-segwenti persuni hawn taht elenkati hija inammissibbli bhala prova stante li ma jirrizultax mit-traskrizzjoni ta' tali depozizzjonijiet li nghataw skond il-ligi . Id-depozizzjonijiet huma s-segwenti :-

| | |
|---|---|
| A. P.C. 1013 Raymon(d) Debono | folio 22-23 |
| B. Dr. Vincent Galea | folio 57 |
| C. Lawrence Micallef | folio 58-65 |
| D. Imel Abouski | folio 98 et seq. |
| E. Dr. Vincent Galea | folio 134 |
| F. P.C. 1013 Raymond Abela | folio 136-137 |
| G. Spizjar Mario Mifsud | folio 222 |
| H. Jose Abela | folio 248-249 |
| I. Veronique Bartolo | folio 250-258 |
| J. Brian Farrugia | folio 262-263 |
| K. Spettur Norbert Ciappara. | folio 270 |

Rat illi eccezzjonijiet ohra inkluzi fl-istess nota gew irtirati mill-abbli difensur tal-akkuzat fil-kors tat-trattazzjoni waqt l-udjenza tad-9 t' Ottubru, 2003 u ghalhekk ma hemmx ghalfejn li jigu riprodotti f'' dis-sentenza.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur waqt l-istess udjenza;

Rat li ghalkemm il-Qorti tat il-fakolta' lill-partijiet li jaghmlu nota ta' riferenzi dwar il-punt sollevat fl-ewwel eccezzjoni , huma naqsu milli jaghmlu dan .

Ikkonsidrat ;

Illi l-kontenzjoni tad-difiza dwar l-unika eccezzjoni rimanenti w li trid tigi deciza hija li d-depozizzjonijiet tax-xhieda fuq imsemmija nghataw quddiem Qorti li ghandha kompetenza civili w ghalhekk huma inammissibbli.

Il-Prosekuzzjoni tobbjetta ghal dan u tghid li ladarba hemm il-firma tal-Magistrat , il-vot tal-ligi gie rispettat u ergo ma hemm xejn x' josta ghall-ammissibilita' ta' dawn ix-xhieda bhala prova.

Ikkonsidrat ;

Illi l-artikolu 395 tal-Kap. 9 jiddisponi li l-ezami tax-xhieda w tal-imputat ghandu jigi iffirmat mill-Magistrat.

Illi minn ezami tal-atti tal-kumpilazzjoni jidher li min iddattilografa t-traskrizzjoni tad-depozizzjonijiet tax-xhieda indikati fl-ewwel u l-unika eccezzjoni rimanenti ghamel dan taht intestatura dattilografata jew ta' "QORTI TAL-MAGISTRATI" biss jew inkella ta' "QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)" u cioe' minghajr ma ssemma li din il-Qorti kienet qed tagixxi "BHALA QORTI ISTRUTTORJA". Id-Difiza tghid li dan jirrendi t-traskrizzjoni ta' din ix-xhieda inammissibbli.

Issa kif tajjeb irrilevat il-Prosekuzzjoni l-uniku rekwizit li timponi l-ligi dwar l-ezami tax-xhieda u tal-imputat hija li dawn iridu jigu iffirmati mill-Magistrat li jkun qed imexxi l-kumpilazzjoni . Dan ir-rekwizit hu pjenament sodisfatt fil-kazijiet kollha tax-xhieda indikati.

Illi hu minnu li l-isem korrett tal-Qorti meta tkun qed tmexxi kumpilazzjoni hu "Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja" u li meta tintuza l-intestatura "Qorti tal-Magistrati (Malta) " illum din tirriferi biss ghal dik il-Qorti fil-kompetenza taghha civili inferjuri , u li tali indikazzjonijiet zbaljati jew monki – li jidher li qabzu mhux biss lid-Deputat Registratur tal-awla izda ukoll lill-Magistrat u lill-Avukat Generali li kien qed isegwi l-kumpilazzjoni tul il-kors tad-diversi rinviji – ghandhom jigu evitati . Mill-banda l-ohra pero' t-traskrizzjoni setghet saret liberament fuq

karta bla ebda intestatura ta' Qorti u kien ikun bizzejjed li tali traskrizzjoni tindika il-partikolarajiet u generalita' tax-xhud u tkun iffirmata mill-Magistrat , ghaliex ladarba tkun inserita fil-process tal-kumpilazzjoni , hu ovvju li tkun traskrizzjoni ta' xhieda li inghatat f' dak il-process partikolari quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. L-intestatura dattilografata li tindika l-Qorti hija superfluwa u ghalhekk anki jekk din hi zbaljata ma tirrendix ix-xhieda debitament mehuda , traskiritta u iffirmata mill-Magistrat inammissibbli.

Illi forsi idealment is-soluzzjoni kienet tkun li dawn l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, biex jigi sanat id-difett billi ssir id-debita rettifika jew korrezzjoni fl-intestatura, izda kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri – Kolleggjali) fl-appell **"Ir-Repubblika ta' Malta vs**. **Ann-Elizabeth sive Anabel Ebejer**" [28.2.1985], *"L-ebda irregolarita' u l-ebda difett fl-atti tal-kumpilazzjoni ma jista' jkollhom bhala konsegwenza taghhom ir-rinviju ta' l-atti mill-Qorti Kriminali lill-Qorti Istruttorja biex tigi regolarizzata l-pozizzjoni, isir dak li kellu jsir u ma sarx , jew sanat id-difett. Irregolarita' jew difett fl-atti tal-kumpilazzjoni jistghu iwasslu biss ghall-eskluzzjoni tal-prova li ma tkunx tirrizulta konformi mall-precett tal-ligi , jew inkella ghan-nullita' ta' l-att tal-akkuza , wara debita eccezzjoni bil-forma w fl-istadju opportun fil-kazijiet previsti mill-ligi."*

Illi fil-kaz in ezami ma gietx eccepita n-nullita' tal-att tal-akkuza mill-akkuzat imma biss l-inammissibilita' tat-traskrizzjoni tax-xhieda indikati fl-ewwel u l-unika eccezzjoni rimanenti. Izda din il-Qorti thoss - minghajr bl-ebda mod ma tidher li qed tikkondona jew tinkoraggixxi zbalji simili – li d-difett lamentat mid-difiza mhux tali li jirrendi t-traskrizzjoni mhux "konformi mall-precett tal-ligi" ghaliex l-uniku precett li timponi l-ligi hu li it-traskrizzjoni tax-xhieda trid tkun iffirmata minn Magistrat u dan il-precett gie fil-fatt osservat.

Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel u l-unika eccezzjoni preliminari rimanenti w tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet preliminari l-ohra stante li dawn gew irtirati

w tordna il-prosegwiment tal-kawza w qed tiddiferixxi l-istess “sine die” sabiex tigi appuntata bil-gurija meta jmissha t-turn skond il-ligi .

Sadattant l-akkuzat ghandu jibqa’ fl-istess stat li kien fih sal-lum ghal dak li jirrigwarda l-liberta’ provizorja.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------